-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

[Nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' remotely fil-5 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5pm.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 B'referenza għall-punt 12.3.4 is-Sindku qal illi saru kameras fil-Marina u se jara li jdawwru ftit minnhom biex wieħed ikun jista jara x'qed jiġri fil-ġnien.

12.2.2 Il-kunsillier A.Zammit ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 12.3 Korrespondenza mas-Sindku

12.3.1 Is-Sindku ssuġerixxa li tintbagħat ittra uffiċjali ta' irringrazzjament lil Stivala Hotels, kif ukoll lil Bad Boys, għall-assistenza tagħhom għat-tindif tal-lokalita waqt zmien il-pandemija. Il-kunsillier N.Chetcuti ssuġerixxa wkoll illi jieħdu mementos waqt l-okkazzjoni ta' Ġieħ il-Gzira.

12.3.2 Is-Sindku ta informazzjoni dwar il-problema tal-muniti minħabba d-deċiżjoni li ttieħdet minn naħa ta' BOV, waqt illi żied illi applikajna għall-magna tal-EPOS. Is-Sindku ssuġerixxa wkoll li ssir webinar dwar l-użu tal-cards bħala assistenza lill-anzjani li ma jafux juzaw il-magni.

12.3.3 Is-Sindku qal illi kien hemm kommunikazzjoni minn naħa tal-AKL dwar l-intorduzzjoni ta internet banking biex nibagħtu pagamenti dirett mill-bank.

12.3. Is-Sindku ssuġerixxa li bħala Kunsill noffru kamra biex isiru ezamijiet fil-Kunsill la hemm min m'għandux il-fakulitajiet biex jaħdem mid-dar issa la ezamijiet ma jistgħux isiru l-Universita. Il-kunsillier A.Zammit qal għandna nuzaw ir-regolamenti bħal tar-restaurants.

## 12.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

12.4.1 Il-kunsillier H.Caruana staqsa kif opera l-FoodBank. Is-Sindku wieġeb illi nies ġew identifikati mill-Aġenzija LEAP, kif ukoll mill-Kappillan. Qal ukoll illi kienet eżerċizzju li għamlet suċċess.

12.4.2 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar is-servizz tal-*electric car'*. Is-Sindku qal illi qatt ma intuzat. Qal illi meta mar għand in-nies bl-ikel uza l-karozza tiegħu.

12.4.3 Il-kunsillier H.Caruana staqsa jekk kien hemm xi spejjez fuq il-FoodBank. Is-Sindku kkonferma li ma kien hemm xejn. Qal ukoll illi bl-inizjattiva li kien hemm fejn wieħed seta jixtri ikel tajjeb għall-prezz ta' €3.50 ma kienx hemm bizzejjed nies li għamlu użu tall-inizjattiva.

12.4.4 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk kien hemm spejjez għall-vidjo ta' Fortify. Is-Sindku qal illi għamlu l-vidjo huma bl-ispejjez tagħhom.

12.4.5 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk l-inizjattiva ta' ST Hotels ġiet approvata fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi affarijiet bħal dawn, meta wieħed joffri assistenza lil lokalita mingħajr l-ebda interess, m'għandomx jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-kunsillier J.Cardona staqsa jekk hija legali li wieħed jagħti għajnuna b'xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kumpaniji għandom fil-fatt jagħtu xi ħaġa lura bħala CSR.

12.4.6 Il-kunsillier J.Cardona staqsa jekk wara l-aħħar laqgħa x-xirja tal-Ipads u l-kompjuter saret. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawk għall-Ipads saret. Is-Sinkdu staqsa lill-kunsillier x'inhi l-problema wara li kien spjega x'ġara li wara li kienu bagħtu emajl lid-Direttur tad-DLG u r-risposta tiftiehem ħażin. Il-kunsillier A.Zammit issuġerixxa li l-invoices jkunu kollha online ħalli kulħadd jarahom, waqt illi l-kunsillier S.Farrugia qal illi l-kunsilliera jixtiequ jkunu jafu dwar l-ispejjez kollha li joħorġu minn naħa tal-Kunsill.
Is-Sindku qal illi impjegat li kien qed jagħmel użu ta' kompjuter sabiex jagħmel ix-xogħol illi hemm bzonn għall-benefiċċju tal-Kunsill, offra li jħallas hu izda ma qabilx illi persuna għanda tħallas għal xi ħaġa li se tintuza għax-xogħol. Kien hemm qbil illi l-impjegat m'għandu jħallas xejn.

Il-kunsillier S.Farrugia staqsa jekk kien hemm xi update dwar l-intervisti għall-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-għada tal-laqgħa hemm intervista ma persuna li hi eleġibbli.

**Il-kunsillier A.Zammit talab illi jkun skuzat fis-18.45**

## 12.5 Rapporti

12.5.1 Il-kunsilliera ġew notifikati kif se jkunu r-rapporti tal-Contracts Manager minn issa l-quddiem ħalli dawn jiġu approvati fil-laqgħat.

## 12.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

12.6.1 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li nneħħu karozzi li għandom liċenzji skaduti u qegħdin jokkupaw parking. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Kunsill ma jieħux ħsieb towing ta' karozzi u saru rapporti fuq il-karozzi li ġew diskussi.

12.6.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li jsiru slielem extra ġewwa Manoel Island, kif ukoll staqsa jekk se jkun hemm trasport offrut għall-anzjani li jixtiequ jmorru l-baħar. Is-Sindku qal illi se jara dwar is-slielem izda dwar it-trasport forsi ma kienx il-ħin li noffru das-servizz.

12.6.3 Il-Viċi Sindku qal illi hemm garaxx ġewwa triq Manoel de Vilhena, kantuniera ma Rue D'Argens, u talli garaxx m'għandix aċċess minħabba l-istat tal-bankina. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi kien tkellem ma' min kien qed jaħdem hemm biex jieħu ħsieb u l-kunsillier S.Farrugia kkonferma li ħa ħsieb ix-xogħol. Wara diskussjoni l-kunsilliera qablu li ssir il-bankina mill-ġdid.

12.6.4 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi f'triq Nazju Ellul m'hemmx rampi quddiem ċerti garaxxijiet. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi skont il-Perit ta' IM ċerti garaxxijiet ma kienux in line mal-liġi u r-residenti kienu ġew notifikati.

12.6.5 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi t-Tower Crane ta’ triq Reggie Miller ma triq Luqa Briffa mhix qed tintuza u ħafna residenti qegħdin idejqu biha.

12.6.6 Is-Sindku qal illi saret laqgħa mall-WSC fejn se jagħmlu xogħolijiet ġewwa triq Manoel de Vilhena u Kubrit u din se tiġi amalgamata mall-proġett tal-Kunsill ta’ triq Manoel de Vilhena. It-tender se toħroġ minnhom u aħna nħallsu l-parti tagħna.
Zied illi se jagħmlu wkoll triq Moroni.

12.6.7 Is-Sindku għamel referenza wkoll għax-xogħolijiet illi kienu qegħdin isiru fuq iġ-ġibjun. Qal illi kellem lill-Perit ta’ IM li qal illi kien hemm sitt snin materjal fuq il-post u kiku xarrbu kullimkien is-sitwazzjoni kienet tkun agħar. Qal illi għandom ħmistax il-ġurnata xogħol.

**Fit-20.00pm il-Viċi Sindku telaq.**

**ID-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa titkompla.**

12.6.8 Is-Sindku staqsa dwar il-karozza. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħol lest u għanda tinġabar.

12.6.9 Is-Sindku għamel referenza għall-appell li hemm fuq il-petrol station u xogħolijiet m’għandomx jibdew la hemm appell.

12.6.10 Is-Sindku qal illi l-Assistent Head tall-iskola primarja talbet assistenza biex intejbu ċerti faċilitajiet tal-iskola li se jkunu ta’ benefiċċju għal kulħadd. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

12.6.11 Is-Sindku qal illi f’laqgħa preċedenti ssemmiet li ssir monument tal-bronze għall-ġnien. Zied illi la ta’ 14 East huma marbutin li jħallsu €25,000 għal monument, għandom iħallsu huma. Żied illi fil-fehma tiegħu, il-monumenti kollha li hemm max-Xatt għandom ikunu f’area partikolari fil-ġnien.

12.6.12 Is-Sindku qal illi la se ssir xogħol fil-PolyClinic issa l-opportunita li tibda proġett fil-Pjazza. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kien hemm pjanti tal-Perit, waħda bil-parking taħt l-art u l-oħra mingħajrha.

## 12.7 MOZZJONI

13.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 12.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

12.8.1 Il-kunsillier J.Cardona staqsa dwar il-ħlas ta’ Stivala Hotels. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi ħallasna aħna u nieħdu l-flus lura mill-PHC la huma ma jagħmlux kuntatt dirett ma third parties.

12.8.2 Il-kunsillier J.Cardona staqsa għalfejn xorta qegħdin jitħallsu tal-crafts meta dawn il-klassijiet ma jsirux. Is-Sindku qal illi talab l-assistenza tagħhom biex iċemplu lill-anzjani waqt il-pandemija.

12.8.3 Il-kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier H.Caruana issekondaħ

## 12.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020 fil-5pm

Konfermati, illum 16 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |